MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2003

Numru 894/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**vs**
**Patrick Cilia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Patrick Cilia ta’ 37 sena, bin Joseph u Carmela nee’ Peplow, imwieled Tarxien fit-3 ta’ Ottubru, 1964 u residenti Flt.18, Qasam Hal-Dmikki, Ghaxaq detentur ta’ karta ta’ identita numru 494064(m) akkuzat talli:

a. Fit-22 ta’ Lulju 2002 ghall-habta tat-3.00p.m. fi Triq San Patrizju Birzebbuga kkommetta serq ta’ stereo ta’ l-ghamla ‘Supertech’, minn go vettura ta’ l-ghamla Maruti Gypsy bin-numru tar-registrazzjoni ABI227, ghad-dannu ta’ Saviour Bonnici, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

b. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwista b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta’ serq kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

c. kiser il-provediment tal-‘probation’ Art. 9 tal-Kap. 152 tal-ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. N. Cuschieri LL.D., fis-7 ta’ Marzu, 2002, fejn kien misjub hati ta’ reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar.

d. Sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi f’liema ammissjoni ippersista anke meta l-Qorti taghtu z-zmien biex jikkonsidra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-tieni akkuza hija in alternattiva ghall-ewwel.

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Ghal finijiet ta’ piena ghalkemm il-fedina penali tal-imputat mhix wahda felici izda l-Qorti tinnota li l-imputat qatt ma ibbenifika fi zmien recenti mill-artikolu 5 tal-Kap 152.

Rat l-artikolu 261(g), 271(g), 281, 49, 50 u l-Art 10 tal-Kap 152 ghall-finijiet tal-ksur tal-probation fit-termini tas-sentenza minn dina l-Qorti diversament preseduta datata 7 ta’ Marzu, 2002 tiddecidi li tapplika fil-konfront tieghu l-

provvediment tal-Art 5 tal-Kap 152 billi tpoggih ghall- tlett snin millum taht il-harsien tal-ufficjal tal-probation Mary Grace Vella skond l-annessa ordni li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------